29 ta' Awwissu 2017
63/2017

## IX-XAHAR TAL-ĦOLQIEN 2017

STQARRIJA KONĠUNTA BEJN IL-KUMMISSJONI AMBJENT U NATURE TRUST MALTA

Bejn l-1 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru li ġej, f'Malta u Għawdex ser jitfakkar 'Ix-Xahar tal-Ħolqien fil-Ħsieb Nisrani' għas-sena 2017. It-tnedija ser issir nhar is-Sibt 2 ta' Settembru, mill-Arċisqof Charles J. Scicluna, waqt Quddiesa Solenni fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fis-6:00 p.m. Dan wara li nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Settembru, fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, ikun sar talb għall-kura tal-ħolqien.

Dan iż-żmien speċjali jagħlaq il-Ħadd l-1 ta' Ottubru, b'Quddiesa Solenni ċċelebrata mill-Isqof Mario Grech, fil-Knisja tal-Patrijiet Konventwali, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, fl-10:30 a.m.

L-attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) flimkien ma' Nature Trust Malta (NTM), biex jitfakkar ix-Xahar tal-Ħolqien, jinkludu żjara fil-Park Naturali u Ċentru għall-Iżvilupp Sostenibbli fi Xrobb l-Għaġin, il-Ħadd 24 ta' Settembru, fid-9:00 a.m. Hemmhekk ser issir taħdita dwar l-Enċiklika tal-Papa Franġisku Laudato Si', indirizzata mill-Profs. Paul Pace mill-Università ta' Malta. Matul ix-xahar ta' Settembru ser tittella' wirja fotografika f'Għawdex.

Fl-4 ta' Ottubru, bejn is-7:00 u d-9:00 p.m., ser tiġi organizzata laqgħa pubblika fil-Millennium Chapel, Paceville, bit-tema "Laudato Si': fehmiet dwar il-ħarsien tal-ħolqien, imnebbħa minn twemmin differenti u minn perspettiva sekulari". Il-kelliema jinkludu rappreżentanti Insara, Lhud, Musulmani, kif ukoll rappreżentanti ta' għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu favur l-ambjent, u rappreżentanti ta' għaqdiet reġjonali tal-Mediterran. Din il-laqgħa ser tiġi indirizzata wkoll min-Nunzju Appostoliku għal Malta, Mons. Alessandro D'Errico, u mill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Karmenu Vella. Din il-laqgħa pubblika ser issir qabel il-konferenza internazzjonali 'Our Ocean', mtellgħa mill-Unjoni Ewropea fil-5 u s-6 ta' Ottubru, f'San Ġiljan.

Mario Camenzuli, iċ-Ċerpersin tal-KA qal: "Inħeġġu lill-Maltin u l-Għawdxin kollha biex jaħsbu sewwa dwar x'qed jagħmlu biex jieħdu ħsieb l-ambjent, kemm fi djarhom kif ukoll barra, fit-triq

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

u fil-kampanja. Jaħsbu kif jistgħu jtaffu l-ħsara li qed issir lil din id-dar komuni tagħna minħabba l-istil ta' ħajja li qed ngħixu, fejn tispikka l-attitudni ta' 'l-aqwa li jien tajjeb'. Inħeġġiġkom li tattendu għal dawn l-attivitajiet u tirringrazzjaw lil Alla għal dan il-ħolqien li aħna parti minnu, waqt li nimpenjaw rwieħna li nħarsuh. Iżda wkoll tistgħu torganizzaw l-attivitajiet tagħkom, żgħar jew kbar, fi djarkom, fit-triq fejn toqogħdu, fl-iskola, fil-parroċċa jew fuq il-post tax-xogħol. Għidulna dwar dak li bi ħsiebkom tagħmlu billi tiktbulna fuq cecntmed@gmail.com."

Fi kliem Vincent Attard, il-President ta' NTM: "L-isfidi ambjentali ta' Malta ser jiżdiedu hekk kif qed jikber l-impatt tat-tibdil fil-klima. Qed naraw żieda fit-temperaturi kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa, ninnutaw nuqqas ta' xita u l-erożjoni tal-kosta tagħna. Dan hu theddida serja għall-biodiversità unika li għandna fil-gżejjer tagħna. Dan kollu jiżdied mal-problemi li qed inħabbtu wiċċna magħhom illum. Ix-Xahar tal-Ħolqien fil-Ħsieb Nisrani hu ż-żmien ideali għaċ-ċittadini biex jaħsbu bis-serjetà x'jistgħu jagħmlu huma stess, u x'jemmnu li għandu jsir mill-awtoritajiet u mill-oqsma l-iktar b'saħħithom fl-ekonomija biex itaffu dawn il-problemi."

Ix-Xahar tal-Ħolqien beda fl-1989, mill-Patrijarkat tal-Knisja Ortodossa, f'Kostantinopli, u llum iħarsuh il-knejjes Insara fid-dinja kollha. Nhar il-Ġimgħa filgħodu, l-1 ta' Settembru, il-Papa Franġisku ser jagħti messaġġ biex iniedi formalment ix-Xahar tal-Ħolqien u jħeġġeġ lil 1.2 biljun Kattoliku fid-dinja josservawh. Firxa sħiħa ta' għaqdiet Insara mhux governattivi li hawn madwar id-dinja qed jikkordinaw attivitajiet u jorganizzaw servizz ta' talb online fis-16 ta' Settembru – www.seasonofcreation.org – li ser jitmexxa mill-Arċisqof ta' Canterbury u mexxejja ta' reliġjonijiet oħra.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**